L-IRAQ

# Żjara ta' Biden fost tilwim elettorali

Il-Viċi President tal-Istati Uniti, Joe Biden, ilbieraħ kellu taħditiet ma' Uffiċjali Iraqin f'Bagdad, meta fil-pajjiż għaddejja tilwima taħraq dwar id-deċiżjoni li tipprojbixxi numru ta' kandidati milli jikkuntestaw l-elezzjoni ta' Marzu.

Fost ir-raġunijiet prinċipali għall-projbizzjoni ssemmew ir-rabtiet suspettati bejn il-kandidati u l-Partit *Baath* tal-eks dittatur Saddam Hussein. Iżda l-pass deċiż minn kumitat indipendenti rrabja ħafna lill-membri tal-komunità Sunita, li ddominat l-Iraq għal aktar minn għoxrin sena taħt Saddam.

L-istess Suniti qed iqisu d-deċiżjoni li tolqot direttament lill-kandidati tagħhom bħala "tentattiv biex temarġinahom" u li skont huma tixħet dubju rigward "l-inklużività u l-leġittimità" tal-vot fl-Iraq.

Intant, l-uffiċjali Amerikani li qed jivvjaġġaw ma' Biden huma konvinti li l-Iraqin jirnexxilhom isolvu l-kwistjoni u "jirranġaw id-differenzi bil-proċess politiku".

L-istess uffiċjali lanqas ma jaħsbu li l-Istati Uniti "jew xi pajjiż ieħor" għandhom jindaħlu biex jirranġaw il-problemi tal-Iraqin "għaliex dawn qed juru li kapaċi jirrisolvu l-affarijiet tagħhom".

Għalkemm naqset il-vjolenza bejn il-komunitajiet rivali Suniti u X'iti, is-sigurtà tal-Iraq għadha fraġli meta baqgħu jseħħu l-attakki suwiċida minn suspettati elementi Iżlamiċi bħall-*Al-Qaida* u milizjani X'iti li għandhom l-appoġġ tal-Iran.

IL-HAITI

# Tintemm it-tfittxja għan-nies

Il-Gvern tal-Haiti ħa d-deċiżjoni "ta' qsim il-qalb" biex jikkonkludi t-tfittxija għan-nies li għabu fit-terremot kbir tat-12 ta' Jannar, li x'aktarx ħalla mal-mitejn elf mejtin.



*Vittmi ċkejknin... grupp ta' tfal żgħar jidhru waqt il-ħin tal-ikel f'istitut tal-orfni f'Port-au-Prince (Reuters)*

L-aħbar, ikkonfermata min-Nazzjonijiet Uniti, ħarġet l-għada li żewġ persuni – mara ta' tmenin sena u raġel ta' wieħed u għoxrin sena – ittellgħu ħajjin minn taħt ir-radam fil-belt kapitali, Port-au-Prince.

Madankollu, hu mifhum ukoll li l-iskwadri għall-emerġenzi kien ilhom għall-aħħar tlett ijiem ma jindikaw sinjali "ġodda" ta' ħajja taħt it-tifrik tal-bini.

Mal-mija tnejn u tletin ruħ ġew salvati mit-terrapien tal-belt mindu t-terremot straxxna dan il-pajjiż fil-Karibew, ħdax-il jum ilu, biċ-ċifra uffiċjali tal-mejtin (sa issa) titla' għal mija u għaxart elef.

Elizabeth Byers, kelliema tan-NU, qalet li d-deċiżjoni biex tieqaf il-ħidma tas-salvataġġ ħalliet dieqa kbira, iżda ttieħdet skont il-parir tal-esperti.

Intant, il-maġġoranza tal-iskwadri għall-emerġenzi barranin bdew jitilqu mill-Haiti, għalkemm diversi entitajiet bil-makkinarju industrijali x'aktarx li jibqgħu fil-pajjiż ħalli jgħinu l-proċess tat-tindif u fid-distribuzzjoni tal-għajnuna lill-poplu.

Fl-istess ħin, il-ħidma ta' fejda qed tirranka f'Port-au-Prince minbarra fl-ibliet ta' Jacmel, Leogane u zoni oħrajn tal-Haiti li ġarrbu l-impatt tat-terremot kbir.

Huwa kkalkulat li mal-miljun u nofs resident tilfu kollox, inklużi djarhom, fit-terremot u għadhom kostretti jgħixu fil-miftuħ inkella f'kampijiet primittivi nieqsa mill-faċilitajiet adegwati.

IR-RENJU UNIT

# Livell ta' theddida 'gravi'

Il-livell tat-theddida terroristika fir-Renju Unit issa żdied għal "gravi" wara żmien ikkalkulat bħala "sostanzjali".

Dan ikkonfermah il-Ministru tal-Intern (*Home Secretary*) Alan Johnson, bis-sitwazzjoni tfisser "probabbiltà għolja" ta' xi attakk mit-terroristi.

Il-livell tat-theddida kien ilu "sostanzjali" minn Lulju, b'Johnson, iżda, jiċħad li s-sitwazzjoni l-ġdida għandha x'taqsam speċifikament mal-attentat ta' Jum il-Milied kontra ajruplan tal-passiġġieri waqt titjira minn Amsterdam lejn Detroit (fl-Istati Uniti) – fejn Niġerjan falla milli jtajjar tagħmir splussiv li kien tella' miegħu.

Fl-istess ħin, il-Gvern ta' Londra ma żvela l-ebda dettalji speċifiċi mill-informazzjoni sigrieta li għandu, bil-Ministru Johnson jenfasizza li m'għandu l-ebda informazzjoni li r-Renju Unit jista' qed jiffaċċja "attakk imminenti".

Id-deċiżjoni biex jiżdied il-livell tat-theddida ttieħdet mill-*Joint Terrorism Analysis Centre*, b'Johnson jisħaq dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni kontinwa f'dawn iċ-ċirkustanzi.

Għaldaqstant, id-deċiżjonijiet ta' dan iċ-Ċentru jibbażaw fuq varjetà ta' fatturi, li jinkludu l-intenzjoni u l-kapaċitajiet tal-gruppi tat-terroristi internazzjonali fir-Renju Unit u lil hinn minnu.

Il-Ministru tal-Intern Britanniku kompla, sadattant, li l-livell tat-theddida 'gravi' jfisser li n-nies għandhom joqogħdu "aktar attenti".

Fl-istess ħin, ir-Renju Unit għadu ma laħaqx l-ogħla livell (kritiku) li jindika attakk imminenti kontra niesu u l-interessi tiegħu; b'Johnson jgħid li l-poplu għandu jserraħ rasu mill-kapaċitajiet anti-terroristiċi fil-pajjiż.

## Mistoqsija ta' Simon Busuttil lil Malmstrom

minn paġna 20

development in these countries. It is a very broad and complex question, but I am ready to work with the Parliament and with you in order to tackle the problem.

**SIMON BUSUTTIL (PPE):** *It-tweġiba tiegħek tagħtini tama li nistgħu naslu. Iżda nixtieq inkompli nistaqsik dwar il-proġett illi inti semmejt. Bħalissa hemm proġett -pilota li permezz tiegħu jgħin lill-pajjiżi tan-naħa t'isfel tal-Ewropa biex immigranti li jaslu f'dawn il-pajjiżi jimxu lejn pajjiżi oħrajn.*

*Sfortunatament , iżda, dan il-proġett bħalissa qed jistrieħ fuq hekk imsejħa solidarjetà volontarja, mentri li hemm bżonn hi solidarjetà effettiva li taħdem. Jien nixtieq nisma' mingħandek aktar dettalji fuq kif is-solidarjetà se twassalha biex titwettaq bil-fatti u mhux bil-kliem biss.*

**CECILIA MALMSTROM,** *Commissioner-designate:* I think we have gone quite far when it comes to solidarity. In just the last two years we have developed quite a lot. We will hopefully soon have the Asylum Office in place. We have quite a lot of money in Frontex and in the Border Control Fund; it has increased tremendously these last years. We have this multiproject with nine countries involved; I had hoped there would be more countries, but it is a good start and we can see how we can maybe make this more a permanent project using different means.

I will also put forward proposals on how to strengthen Frontex, with increasing pressure for Member States to really participate and to meet their commitments there and so fulfil the Immigration and Asylum Pact. All Member States have committed to that.

You and I know very well that the moods in the different countries differ on this and on their willingness, so we can only work together to reinforce this and try to provide as many concrete tools as possible for them to show solidarity not only in theory but also in practice.

The Commission will put forward as many of the tools that I just outlined as possible.

